**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 27

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 16 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 27.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 26

27.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitta u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

27.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

27.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia, l-minuti tas-sitta u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku Anthony Dalli fakkar lil Kunsilliera kif fi Marzu 2026, is-Segretarju Eżekuttiv kienet iċċirkulat traffic count data ta' Triq Robert Mifsud Bonniċi, kif kien mitlub li jsir waqt seduta tal-Kunsill. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif issa huwa qed jistenna li jkollu feedback rigward dan id-dokument mill-membri kollha tal-Kunsill.

27.3.2 Is-Sindku wara spjega kif il-Kunsill beda jaħdem fuq xogħol rigward il-Festa, bħal ħruġ ta' permessi tal-armar madwar Ħal Lija, mistoqsijiet dwar il-permessi tal-gabbani u l-ħurġ tagħhom etc. Il-Permessi qed isiru bħas-snin ta' qabel skond il-kriterji li stabbilixxa l-Kunsill Lokali. Huwa qal kif kemm il-darba l-amministrazzjoni tiltaqgħa ma' xi ħaġa ġdida jew problema, il-Kunsilliera kollha ser jiġu nfurmati.

27.3.3 Is-Sindku qal kif bdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Forn Sqaq nru 3 u l-Kuntrattur informa lill-Kunsill kif ukoll dalwaqt fl-istess perjodu ser jingħata l-wiċċ fi Sqaq Nru 1, Triq il-Kunċizzjoni.

27.4.4 Is-Sur Dalli qal kif fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv tweħlet CCTV oħra addizzjonali li kien hemm bżonn ssir u ssa l-Kunsill għandu stampa ċara tal-areas kollha ġol-ġnien Ċentru Rikreattiv.

## 27.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

27.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Pero l-Viċi Sindku Calcedonio Cini kellu mistoqsija żgħira dak il-ħin u Sindku Anthony Dalli ma sabx oġġezzjoni jwieġibha.

27.4.2 Is-Sur Cini staqsa lis-Sindku kemm ser idumu bejn wieħed u ieħor ix-xogħlijiet li tkellem dwarhom fil-komunikazzjoni tas-Sindku (punt 27.3.3). Is-Sur Dalli wieġeb li jekk il-Kuntrattur jibda minnufih u ma jieqafx mix-xogħol suppost sa nofs Lulju u qabel il-Festa għandu jkun lest, però m'hemm xejn garantit.

## 27.5 Korrispondenza

27.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2026/000354
b. 2026/000365
c. 2026/000380
d. 2026/000382

27.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 27.6 Preparazzjonijiet Jum Ħal Lija

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-aħħar kopja emendatha tal-programm għal kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri kollha. Dan l-istess programm intbgħat lil Kunsilliera kollha qabel s-seduta.

27.6.2 Is-Sa Seguna spjegat reġgħat kif l-attivitjiet ser ikunu mifruxa hekk:
**Il-Ħamis 2 ta' Lulju** – Bejn 6:30pm u 8:30 pm – attivita football tournament u penalty shooting. Kollox diġa ġie kko-ordinat minn naħa tal-amministrazzjoni mal-Klabb tal-futbol u nursery ta' Ħal Lija. Is-Segretarju tal-klabb tal-futbol għarraf lill-Kunsill kif il-grawnd tan-nursery għadu under-maintenance pero sad-data tal-attivita għandu jkun lest. F'kas li ma jkunx, xorta l-attivita tista ssir fil-grawnd tal-iskola għaliex dan għandhom aċċess għalih. Il-Kunsill obbligat iħallas issa l-fee mgħottija mill-futbol klabb tal-grawnd u l-coach u li jiġu forsi orndati xi medalji jekk filkas, apparti li jingħata ilma lil kull min jattendi.

**Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju** – bejn 6:00pm sa 7:30pm – ser ikun qed jsir tour fuq it-Torri, l-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur u l-Knisja il-qadima tas-Salvatur. Is-Sa Seguna qalet kif il-Kunsill għadu jrid jiddeċiedi jekk it-tour mhux ser ikun animat jew le u jekk animat l-ispiża li ġie mgħoti l-Kunsill hija dik ta' 350 EUR. Wara diskussjoni żgħira li saret, mhux il-Kunsilliera kollha qablu li t-tour ikun animat u l-Kunsill jonfoq din l-ispiża. Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill jirrikorri għat-tour leader li kien diġa uża fit-tours li sar ġewwa ir-raħal fil-passat, fejn naraw jekk dan it-tour leader mhux available u jekk hemmx ħlas.

**Is-Sibt 4 ta' Lulju** – fi 7:00pm- jekk ma jinqala xejn u kif kollox ikun ikkonfermat jitella BBQ fil-Waterfront Hotel il-Gżira għal kulħadd. Il-prezz għadu mhux ikkonfermat u l-Kunsill bħas-soltu ser ikun qed jagħmel sussidju tat-trasport.

**Il-Ħadd 5 ta' Lulju** – fi 9:30am – issir Quddiesa ta' radd il-ħajr u wara ċ-ċerimonja tal-għotja għal Ġieħ Ħal Lija.

**It-Tnejn 6 ta' Lulju** – bejn 3:30pm sa 5:30pm – ssir talk informattiva fl-uffiċċju tal-Kunsill bl-isem 'Caring for your pet (dogs and cats). Għal din l-attivita l-Kunsill kull ma jkun jrid huwa projector u TV, li diġa għandu u forsi li jingħata flixkun ilma lin-nies li jattendu. L-ispeaker ikkonfermat ukoll u bla ħlas.
Kif ukoll – bejn 6:00pm sa 9:00pm – ser ikun qed jitella Padel Tournament ġewwa l-Padel court fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Il-Kunsill għal din l-attivita jrid jixtri l-blalen u anke żewġ trophies biex jingħataw lir-rebbieħa. L-amministrazzjoni ser tieħu ħsieb ix-xiri ta' dawn l-affarijiet.

27.6.3 Apparti il-flyer bil-programm li sar mill-amministrazzjoni, il-Kunsilliera kollha kkonċernati ser ikunu qed iħejju flyer individwali għall-attivitajiet imsemmija hawn fuq li huma nkarigati minnhom skond id-delegi tagħhom.

27.6.4 Is-Sa Seguna kompliet tgħid kif iż-żjara lejn il-Plant directorate ġiet ikkanċellatha wara konferma li visits m'għadhomx isiru. Qalet ukoll kif iż-żjara ssuġġerietha lejn Casa Gourgion l-Imdina ġiet ikkanċellatha ukoll u forsi tkun ikkunsidratha ssir fix-xitwa.

## 27.7 Minn Pjazza għal Pjazza

27.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku reġgħu daru l-lista tal-ispejjeż għal dan l-avviment li ħafna minn dawn l-ispejjeż kienu diġà ġew approvati, però ssemmew anke xi spejjeż ġodda li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta għalihom.

27.7.2 Bħala spejjeż ġodda kien hemm l-ammont tal-LESA għas-servizz tal-uffiċjali tal-komunita €578.00, tas-servizz tal-Banda San Pio X €800.00, tal-grupp tal-Għana €1,239.00, tal-istage €2,242.00, tas-sound €6,569.65, tad-dawl €2,592.46 u għall-imwejjed(30) u siġġijiet (00) €1,180.00. Is-Sur Dalli qal ukoll kif il-kunsill għadu qed jara kemm jiswa biex jinkera van freezer u xi sinkijiet. Baqa ukoll spiża żgħira oħra biex jiġu printed għaxar ritratti tat-torri u l-Knisja il-Qadima tas-Salvatur, fuq canvas irqiqa, li ser jiġu esebiti fil-Knisja il-Qadima tas-salvatur. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota tal-ispejjeż inkluż dawn il-ġodda.

27.7.3 Kien hemm diskussjoni dwar id-domanda tal-imwejjed u siġġijiet fejn xi wħud mill-Kunsilliera qalu li 500 siġġu ħafna. Finalment ġie deċiż li l-Kunsill ser jitlob lis-supplier biex jemenda il-kwotazzjoni għal 300 siġġu minnflokk.

27.7.4 Is-Sindku fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv biex anke jsir kuntatt mal-cleansing Department biex jekk possibbli jingħataw 12 il-bin għal waqt l-attivita u anke isir tindif tal-pjazza forsi anke bil-powerwash kif tispiċċa l-attivita fi nofs il-lejl, anke jekk jkun hemm bżonn ta' xi ħlas żgħir mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li ssir din il-komunikazzjoni.

27.7.5 Is-Sindku qal ukoll kif il-Kunsill għandu spiża oħra ta' security guards, fejn hemm bżonn wieħed biex joqgħod mal-affarijiet li ser jitpoġġew u jintramaw fil-pjazza qabel l-10 ta' Lulju u hemm bżonn ukoll security ieħor fil-knisja il-Qadima tas-Salvatur biex joqgħod għassa mal-esebizzjoni tar-ritratti u t-televixin li ser ikun hemm fuq stand biex jintwera il-feature tat-torri u l-Knisja l-Qadima. Il-Voiceover tal-feature ser tkun is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Seguna. It-Torri Belvedere ser ikun miftuħ għan-nies biex jidħlu fih sal-ewwel indana, però m'hemmx bżonn security ieħor ħdejn it-Torri. Il-Kunsilliera ħadu nota u qablu.

27.7.6 Bħala programm, is-Sindku qal kif l-attivita ser tippresedi billi l-ewwel tibda ddur l-banda San Pio X bejn 6:00pm - 7:45pm, wara bejn 7:00pm – 8:00pm ser tkun għaddeja l-Għana Maltija u mit-8:30pm – 10:30pm ser ikun hemm il-band 'The Palace string orchestra' flimkien mal-kantanti jgħattu is-show prinċipali. Bħala preżentaturi kif kien miftiehem ser ikunu Eileen Montesin flimkien mat-tifla tagħha Christine Marie Haber. Ser ikun hemm anke logħob tat-tfal tul l-attivita kollha u ikel u xorb sintendi li kollu ser jieħdu ħsiebu l-għaqdiet tar-raħal.

## 27.8 L-Ewwel Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar sa Marzu 2026

27.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat infurmat lil Kunsilliera kif dan ir-rapport l-accountant għadha qed taħdem fuqu u qalet ukoll kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta estenzjoni li dan ir-rapport jiġi sottomess sal-aħħar ta' Ġunju. Dan minħabba li l-Kunsill ukoll bħalissa għaddej bil-proċedura li jibdew is-sistema tal-accounts u anke peress li kien hemm bdil fic-chart of accounts. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota.

## 27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) 2025

27.9.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tpoġġiet l-Ittra ta' Direzzjoni 2025 bid-data 26 ta' Mejju, 2026, li minkejja din id-data waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill fil- 5 ta' Ġunju, 2026.

27.9.2 Fuq il-Mejda tpoġġiet ukoll ir-risposta ta' din l-Ittra tad- direzzjoni 2025, li ġiet issuġġerita, bid-data 16 ta' Ġunju, 2026.

27.9.3 Kopja ta' din l-Ittra ta' Direzzjoni flimkien mar-risposta ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

27.9.4 Il-Kunsill approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2025 unanimament fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Diane Abela Penza u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-risposta ssuġġerita.

## 27.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

27.10.1.1 <u>Tender Servizz ta' Knis – Approvazzjoni Rapport tal-Evalwazzjoni</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni tat-tender tas-servizz tal-knis fejn nfurmat lill-Kunsill kif l-evalwazzjoni issa ġiet iffinalizzatha. Hija reġgħat qalet kif kien hemm offerta waħda b'kollox u li wara li saru ċertu klarifiki dwarha, din l-offerta instabet technically and financially complaint. Il-Bord tal-evalwazzjoni maħtur qed jissuġġerrixi li din it-tender tiġi mgħottija lil Galea Cleansing Solutions JV kemm il-darba jaċċetta l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif waqt l-evalwazzjoni kien hemm klarifikazzjoni dwar il-prezz għaliex minħabba żball fuq is-sistema, l-prezz għall-ewwel ma rriflettix l-ammont propja tal-offerta. Bil-prezz il-ġdid u tajjeb ta' din l-offerta il-Kunsill bħala fondi għas-servizz tal-knis ser ikun qed ikampa eżatt bl-allokazzjoni li hija dik ta' €34,821 fis-sena. B'din l-offerta il-Kunsill fis-sena ser ikun qed iħallas €32,640 li tammonta għal spiża ta' €2,720 kull xahar, għal erba snin, fejn ikkumparat mal-offerta tat-tender l-antik il-Kunsill kien qed iħallas €1,910.74 fix-xahar.

27.10.1.2 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u approvaw din l-informazzjoni. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv issa ser tkompli tagħlaq il-proċess fuq is-sistema u tinforma lil dan il-bidder bl-award biex forsi minn Lulju jibda jingħata s-servizz tal-kniss taħt il-kuntratt tat-tender il-ġdid.

27.10.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Xiri ta' Momentos/ tifkiriet għall- okkażżjonijiet ta' ringrazzjament</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu fuq il-mejda tal-Kunsill suġġeriment biex il-Kunsill jordna u jixtri ftit momentos jew xi tip ta' tifkira oħra biex tingħata waqt xi okkażżjonijiet ta' ringrazzjament partikulati ġenerali bħal pereżempju meta xi kunsillier isiefer barra fuq kors u jkun jista miegħu jieħu dan il-momento biex jingħata tifkira.

27.10.2.2 Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni u għalhekk l-amministrazzjoni ser iġġib il-kwotazzjonjiet meħtieġa u tara x'hemm fis-suq ideali.

27.10.3.1 <u>Skema SPI SCI 04 /2026 – Finanzjament Manutenzzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsilliera kif kien diġà ġie diskuss fi seduta nru 24 datata 26 ta' Marzu 2026, il-Kunsill kien approva biex taħt din l-iskema, japplika għal fondi biex issir manutenzjoni fil-Ġnien tal-Mirakli. Hija kompliet tfakkar kif il-Kunsill kien iddeċieda biex japplika għal xiri ta' bins u bankijiet ġodda, jinbidel l-equipment tal-bandli u jekk ikun il-bżonn issir manutenzzjoni ħafifa fuq it-tapit tal-art (peress li dan milux li sar u jaf għadu tajjeb) u kif ukoll tinbidel is-sistema tad-dawl li hemm.

27.10.3.2 Is-Sinjura Seguna qalet kif minn naħa tal-amministrazzjoni l-applikazzjoni għal din l-iskema tista tgħid hija ffinalizzatha. Biex tkun tista tagħmel sottomissjoni hija uffiċjalment tixtieq approvazzjoni finali mill-Kunsill u kif ukoll għadha qed tistenna biss kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill rigward is-sistema tad-dawl. Hija ser tibqa tiġri wara l-Kuntrattur u tittama li sas-26 ta' Ġunju din il-kwotazzjoni tkun intbgħatet biex tkun tista ddaħħal l-applikazzjoni għal fondi mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsilliera approvaw din l-applikazzjoni kif ippreparatha mill-amministrazzjoni u ħadu nota ta' dak kollu li qalet is-Segretarju Eżekuttiv.

27.10.4.1 <u>Skema SPI SCI 05/2026 – Finanzjament Komunitajiet akbar b'saħħithom u ta' kwalità</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali jkun f'pożizzjoni aħjar li jwettaq proġetti jew inizjattivi biex jgħinu l-komunita tkun aktar b'saħħitha u ta' kwalità. Il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €100,000 u jrid japplika sal-24 ta' Lulju 2026.

27.10.4.2 Din il-materja qed terġa titella tal-aħħar għaliex il-Kunsill għadu ma ddeċiedix jekk mhux ser japplika jew le.

27.10.4.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika biex jinbidel il-madum kollu li hemm fil-ġnien Ċentru Rikreattiv għal pavimentar bil-concrete imprint, jinbidel il-piping tat-tisqija u l-ilma u anke is-sistema tal-eletrikku fejn dawn iż-żewġ servizzi jiġu mgħoddija puliti ġo cable/kanna biex f'każ ta' ħsara u tiswijiet mhux terġa titkisser l-art kollha. Ukoll hemm bżonn li jinxtraw tlett pompi tal-ilma kif xieraq. Is-Sur Dalli tal-parir li l-Kunsill anke jsib perit /designer apposta li huwa ffukat u espert fuq dawn it-tip ta' proġetti biex jgħin lil Kunsill jissottometti applikazzjoni kif suppost bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

27.10.4.4 Il-Kunsilliera kollha ma sabux oġġezzjoni li l-Kunsill japplika għal dan il-proġett ta' tisbieħ fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv permezz ta' din l-iskema.

27.10.5.1 <u>Installazzjoni - Open Library – Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-Kunsill din il-ġimgħa stess ġie kkuntatja minn uffiċjal minn National Literacy Agency biex titweħħel l-open library fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv fis-17 ta' Ġunju 2026. Wara sit visit ġie pproponijt li din il-librerija titweħħel fl-akwata fejn il-gazebo. Is-Segretarju Eżekuttiv uriet lil membri tal-Kunsill żewġ ritratti bil-proposti ssuġġerieti.

27.10.5.2 Il-Kunsill iddeċieda li din titweħħel fis-sit kif propost mill-Aġenzija.

27.10.6.1 <u>Talba biex jitneħħa parkeġġ – Triq il-Forn</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li saret minn resident fi Triq il-Forn, biex jitneħħa parkeġġ minħabba entratura ġdida li ser tiġi implementatha mar-residenza tiegħu. Hija ressqet pjanta b'din it-talba kif ppreparatha mill-perit tar-resident.

27.10.6.2 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u approvaw din it-talba.

27.10.7.1 <u>Imejl mingħand l-amministrattur tal-youth club</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill imejl mingħand l-amministrattur tal-youth club. Hija nfurmat kif din fit-30 ta' Lulju ser tkun qed tħejji Novena għaż-żgħażagħ u qed titlob lil kunsill biex jagħti sponser għal DJ li jiswa EUR 180. Ukoll hija saqsiet jekk il-Kunsill jixtieqx li jikkollabora mal-Parroċċa Salvatur Youth club biex ikunu jistgħu jsiru attivitajiet għaż-żgħażagħ li fihom jkun hemm aktar konkorrenza peress li qisu meta saru attivijitaet għaż-żgħażagħ mill-Kunsill l-attendenza kienet minima u fjakka.

27.10.7.2 Is-Sindku spjega kif fuq bażi tal-ġeneru u kriterja ta' din it-talba, il-Kunsill ma jistax jagħti għajnuna finanzjajra. Din il-ħaġa ġiet spjegatha minn naħa tal-Kunsill diversi drabi lil din l-għaqda, filfatt il-Kunsill ġili ta' għajnuna lil din l-għaqda bi sussidju ta' trasport għal attivitajiet. Il-Kunsilliera kollha qablu mas-Sindku dwar dan il-punt u ġie deċiż li ma jistax jingħata l-finanzjament mitlub għal DJ.

27.10.7.3 Rigward ir-rikjest ta' kollaborazzjoni ma' din l-għaqda partikolari, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lir-rappreżentant tal-għaqda biex jekk filkas isir meeting wara l-Festa tas-Salvatur. F'każ li l-għaqda trid tiltaqgħa qabel mhux problema, biss tagħti data lil Kunsill hi u naraw jkunx possibbli jsir dan il-meeting fid-data mgħottija. Pero anke jekk il-meeting jsir qabel, finanzjamenti kif rikjesti bħal tad-DJ ma jistgħux jingħataw jew isiru kollaborazzjonijiet fuqhom.

## 27.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

27.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €74.39 għax-xahar ta' Mejju 2026.

27.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 06/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 27.12 Mozzjonijiet

27.12.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 27.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

27.13.1 Qabel ma nqraw l-applikazzjonijiet li jintbgħatu mit-town planner fil-ġimgħa, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl bis-suġġerimenti mit-town planner dwar żvilupp li hemm tijr joħroġ no 5, 6 Triq Sant Andrija, u dan wara meeting li sar mill-Kunsill mat-town planner fuq proposta ta' resident li huwa kkonċernat fuq dan l-iżvilupp. Kopja ta' din l-imejl intbgħatet lil Kunsilliera kollha minn qabel biex jieħdu kunsiderazzjoni tagħha. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jimxu mal-parir tat-town planner kif hemm miktub fl-imejl.

27.13.2 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li l-għan tal-Kunsill Lokali huwa dejjem li jipproteġi l-ambjent u r-raħal għal kulħadd. Għalhekk ġie deċiż li alissa jsir meeting mal-Planning Authority biex il-Kunsill jakkwista nformazzjoni dwar x'tirrekjeda l-proċedura biex isir skedar fuq propjetà u x'implikazzjonijiet jista jkun hemm.

27.13.3 Wara, Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA/03073/26 – 23, Triq il-Kbira, Lija.
PC00052/12 – Tal-Mirakli area, Kardinal Ferretti str, Salvu Mifsud str, Triq il-Maħlut, Triq Carmelo Farrugia u Triq Annibale Preca,Lija.
PA/03729/26 – 25,27, Marthese, Triq Egido Lapira, Lija.
PA/03513/26 – Gnien Iz-Zebbug, Triq Gannikol Buhagiar, Lija.
PA/03909/26 – Sqaq ta' Sejduna, Lija.

27.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jiproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

27.13.5 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, jiġu sottomessi ittra ta' rappreżentazzjoni / oġġezzjoni fuq:
PA/03729/26 – 25,27, Marthese, Triq Egido Lapira, Lija.
PA/03909/26 – Sqaq ta' Sejduna, Lija.

## 27.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

27.14.2 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini nforma kif reġgħu kellmuh xi nies rigward Triq Ramiro Barbaro u l-ilma maħmuġ u jinten li baqa ħiereġ minn residenza privata. Kemm is-Sindku u kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu kif hemmhekk saru numru ta' rapporti dwar dan il-każ minn naħa tal-Kunsill. Kull ma jista jsir huwa rapport ieħor mas-Sanita biex jerġgħu jiġu jagħmlu inspection oħra.

27.14.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia qalet kif hija dan l-aħħar kellha lmenti mingħand ir-residenti li l-Kunsill qed jagħlaq ħafna toroq f'daqqa ġewwa r-raħal u ma jkollhomx minn fejn jgħaddu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet kif dan mhux minnu u t-toroq l-amministrazzjoni taħdem b'reqqa u attenzjoni kbira biex kemm jista jkun ma tingħalaqx aktar minn triq waħda fl-istess ġurnata ġewwa Ħal Lija. Hija spjegat kif darba kien il-każ li l-Kunsill kellu triq magħluqa u kunsill ieħor fil-viċinanzi għalaq triq ukoll tmiss ma Ħal Lija, però ma kienx tort tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għaliex dejjem issir konsultazzjoni minn naħa tal-amministrazzjoni meta jingħalqu toroq li jmissu ma neighbouring Councils. Ġara li f'każ minnhom biss kunsill fil-viċinanzi li għalaq triq ma kkonsultax b'din l-għeluq u għalhekk spiċċa kien hemm żewġ toroq viċin ta' xulxin magħluqin u minħabba f'hekk iva spiċċa inqala paniku. Is-Sindku kkonferma dak li qalet is-Segretarju Eżekuttiv.

27.14.4 Il-Kunsillier Diane Abela Penza qalet kif il-Kappillan ser ikun qed jagħmel quddiesa solenni l-Ħadd 2 ta' Awwissu għaliex ser jaqgħlaq 25 sena qassis u 11 il-sena Kappillan Ħal Lija. Hija staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħtih xi momento bħala tifkira. Is-Sindku wieġeb li kif diġà ġie spjegat diversi drabi l-Kunsill ma jistax jagħti tifkiriet ta' dawn it-tip, apparti li nviti għal din l-okażżjoni għadhom ma ngħatawx uffiċjalment. Is-Sindku qal kif huwa xorta diġà sema u huwa nfurmat b'din l-okażżjoni u qal kif min irid jista dejjem jagħti tifkira personali. Sa dan it-tant huwa spjega kif ser jaħseb dwar xi possibilta li tista ssir però talab biex jingħata ftit ċans ħalli anke jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv.

27.14.5 Il-Ħin kien 6:15pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa ssir fil-10:00am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAY2026/000353 | 21/05/2026 | Sarah Carabott | A&S Signs | Re: RFQ - Lija LC for 10th July - A&S Signs |
| LLC MAY2026/000354 | 21/05/2026 | Marilyn Grech | OMBUDSMAN | Re: Case No OMB -26-7053 |
| LLC MAY2026/000355 | 21/05/2026 | Maria Dolores Busuttil | Transport Malta | Letter |
| LLC MAY2026/000356 | 22/05/2026 | Maria A Sammut | DLG | EOI- Animal First Aid Courses-pdf |
| LLC MAY2026/000357 | 22/05/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Situation in Lija Alley |
| LLC MAY2026/000358 | 25/05/2026 | Carl Betts | Councillor | Event Proposal |
| LLC MAY2026/000359 | 25/05/2026 | Charmaine Zerafa | Planning Authority | PC Notification |
| LLC MAY2026/000360 | 25/05/2026 | Ellis McCullogh | ADI | RE: Pc Notification |
| LLC MAY2026/000361 | 25/05/2026 | Enzo Cachia | Planning Authority | RE: Skema rrestawra Darek U l- Villagi |
| LLC MAY2026/000362 | 26/05/2026 | Transport Malta | Transport Malta | FW: Issue with Billboard near Lija Cemetary |
| LLC MAY2026/000363 | 26/05/2026 | Diane Abela Penza | Councillor | RE: Today's Council Meeting |
| LLC MAY2026/000364 | 26/05/2026 | Carl Betts | Councillor | Re: Letter of Apology |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAY2026/000365 | 26/05/2026 | Gabriella Gatt | Police | Re: Oil dumping in street |
| LLC MAY2026/000366 | 29/05/2026 | Kevin Agius | Resident | RE: Request for Installation of traffic mirrors to improve road safety |
| LLC MAY2026/000367 | 29/05/2026 | Ryan Zammit | Kunsill Lokali Lvant | School Starter Pack Project- 5th Edition |
| LLC MAY2026/000368 | 30/05/2026 | Daniela Vassallo | Police | Hsarat kawzat ta incident stradali |
| LLC MAY2026/000369 | 06/02/2026 | Abigail Camilleri Enriquez | MEYR | Re: National Literacy Agency Reading Sessions |
| LLC MAY2026/000370 | 06/02/2026 | Anthony Dalli | Lija Mayor | Incident fi Pjazza Trasfigurazzjoni , Hal Lija |
| LLC MAY2026/000371 | 06/02/2026 | Duncan Hall | Cleaning and mangement division | Fw- KL Lija , progetti latrini bkollabarazzjoni mal - cleansing department accetazzjoni ta pjanti |
| LLC MAY2026/000372 | 06/02/2026 | Matthew Ellul | Numriconsultancy | Re- Sleeping Police- Wrong Positioning Triq N Cottoner / Triq Tal Mirakli / Triq Hal Bordi |
| LLC MAY2026/000373 | 06/03/2026 | Maria Dolores Busuttil | Transport Malta | Letter |
| LLC MAY2026/000374 | 06/03/2026 | Raymond Caruana | MTIP- MSD | FW- Benches Transfiguration Avenue |
| LLC MAY2026/000375 | 06/04/2026 | Mario Fava | AKL | FW- Cir AKL 2026/043_Laqgha Pienarja 2026 |
| LLC MAY2026/000376 | 06/04/2026 | Luke Scicluna | TM | Re: TM permit payment to issue RWP3-4782/26 |
| LLC MAY2026/000377 | 06/05/2026 | Maryanne Friggieri | Resident | Street Sweeper |
| LLC MAY2026/000378 | 06/05/2026 | Lawrence Darmanin | Head of School Lija | Tabelli - fit triq tal-iskola |
| LLC MAY2026/000379 | 06/05/2026 | Lawrence Darmanin | Head of School Lija | Re: Pulizija |
| LLC MAY2026/000380 | 06/05/2026 | Mark Camilleri | MEYR | Re - LIbreriji fl-apert - Ftehim bejn l-Agenzija Nazzjonali tal - Litterizmu u il - Kunsill Lokali Ta' Hal Lija |
| LLC MAY2026/000381 | 06/05/2026 | Maryanne Friggieri | Resident | Re: Street Sweeper |
| LLC MAY2026/000382 | 06/05/2026 | Nadia Camilleri | Enemalta PLC | RE: 2 Fanali ta fuq iz zuntier tal knisja Parrokjali ta' Hal LIja |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAY2026/000383 | 06/05/2026 | Oluwabunmi Kolawole | Grant Thornton | Re: Management Letter |
| LLC MAY2026/000384 | 06/05/2026 | Samira Scerri | Borg Galea and Associates | Re: Management Letter |
| LLC MAY2026/000385 | 06/05/2026 | Charmaine Portelli | CMD | Re: Public Convenience - Lija |
| LLC MAY2026/000386 | 06/05/2026 | Charmaine Portelli | CMD | Re: Public Convenience - Lija |
| LLC MAY2026/000387 | 06/05/2026 | Antonio Vittorio Cassar | Ministry for Culture | RE: POC 58/2026 - Direct Order - Kuntratt Binja Amministrattiva - Ħal Lija |
| LLC MAY2026/000388 | 06/05/2026 | Antonio Vittorio Cassar | Ministry for Culture | RE: POC 58/2026 - Direct Order - Kuntratt Binja Amministrattiva - Ħal Lija |
| LLC MAY2026/000389 | 06/05/2026 | Lawrence Darmanin | Head of School Lija | Re: Tabelli Fit triq ta l-iskola |
| LLC MAY2026/000390 | 06/05/2026 | Luke Scicluna | Ministry for transport | Re: TM permit payment -W20260185 |
| LLC MAY2026/000391 | 06/05/2026 | Andrea Misud | MFWS | MFWS- childrens local council |
| LLC MAY2026/000392 | 06/05/2026 | Maria Bonnici | DLG | Re: Hal Lija - Repy to the Management Letter 2025 and Audit Financial Statement Template 2025 |
| LLC MAY2026/000393 | 06/05/2026 | Maria Bonnici | DLG | Re: Hal Lija - Repy to the Management Letter 2025 and Audit Financial Statement Template 2025 |
| LLC MAY2026/000394 | 06/06/2026 | James Portelli | Resident | Illegal Dumping of waste |
| LLC MAY2026/000395 | 06/06/2026 | Diane Abela Penza | Councillor | Uncollected Rubbish - Today Black bag |
| LLC MAY2026/000396 | 06/06/2026 | Mark Scibberas | Kazin San Pio X | RE: Kwotazzjoni - Pjazza Pjazza, Lija - 10th July 2026 |
| LLC MAY2026/000397 | 06/06/2026 | S Ellul | Balzan Local Council | Road Closure - Tri Il Kbira Balzan on 16.06.2026 |
| LLC MAY2026/000398 | 06/08/2026 | Jensine Giglio | GreenPak | Washing of iBins |
| LLC MAY2026/000399 | 06/08/2026 | Samira Scerri | Borg Galea and Associates | Re- Audited FS5 2025 data sheet template request |
| LLC MAY2026/000400 | 06/08/2026 | Ellis McCollough | ADI | Nos 5 , 6, Triq Sant Andrija Lija- Advice |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAY2026/000401 | 06/08/2026 | Antonella Vassallo | Youth Club Leader | Re: Novena Zghazagh |
| LLC MAY2026/000402 | 06/08/2026 | Stefania Grech | Scroll Productions | Re: Qoutation for Concert - 10 July 2026 |
| LLC MAY2026/000403 | 06/08/2026 | Marco Pace | DLG | SPC- SCI- 07-2025 Finanzjament - Komunitajiet akatar bsahhitom u ta kwalita |
| LLC MAY2026/000404 | 06/08/2026 | Water Services | WSC | Water Suspension Notification |
| LLC MAY2026/000405 | 06/08/2026 | Dina Abela Penza | Councillor | Re: Uncollected rubbish - today black bag |
| LLC MAY2026/000406 | 06/08/2026 | Lorriane Farrugia | Councillor | Re: Jum/ gimgha ghal Hal Lija |
| LLC MAY2026/000407 | 06/08/2026 | Green Ivy Landscapes | Green Ivy Landscapes Cleaning Solution | Re: Invoice - Extra Works May 2026 |
| LLC MAY2026/000408 | 06/09/2026 | Mark Canilleri | MEYR | Re: Libreriji fl-apert - Ftehim bejn l-Agenzija Nazzjonali tal litterizmu u il- Kunsill Lokali ta' Hal Lija |
| LLC MAY2026/000409 | 06/09/2026 | Diane Abela Penza | Councillor | Massimiliano Debono Str |
| LLC MAY2026/000410 | 06/09/2026 | Chanise Mallia | Lesa | Re: Servizz ghall- Communite Officers - Attivita 10 ta Lulju 2026 |